MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 298/1999/1

**Maltacom plc**

**vs**

**Paul Caruana**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi skond il-ftehim relattiv hawn anness u markat bhala Dokument “A” kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom plc) il-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tliet mija u lira

Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1301.22,0) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghall-linja bin-numru 235825 skond il-prospett hawn anness bhala dokument "B" (Customer Number 209464);

Illi mitlub biex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

U li l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm1301.22,0 fuq imsemmija hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenut ma ghandu ebda difiza opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit tal-PL Jean Pierre Busuttil, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, Dok. X;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi:-

(1) ma ghandhiex dina l-Qorti taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u hekk tikkundanna minnufih lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1301.22,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq;

Bl-imghax mill-15 ta' Dicembru 1997 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru 1997 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront ta' l-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-ammonti pretizi mill-istess socjeta' attrici jirreferu ghal servizz telefoniku illi

gei rez mhux lill-eccipjenti personalment, izda fil-kwalita' tieghu ta' institur (manager) tas-socjeta' estera SCI Palace International, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghaldaqstant jirrizulta illi l-eccipjenti proprio ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici;

2. Illi ghaldaqstant isegwi illi skond il-Ligi, ghal dawn l-ammonti, ma jista' qatt jigi mizmum responsabbli l-eccipjenti personalment, izda biss il-principal tieghu SCI Palace International;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta attrici u lill-konvenut;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza:

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li, skond il-ftehim (Dokument “A”) u skond ir-regolamenti vigenti, l-konvenut huwa debitur taghha ghas-somma ta' elf tliet mija u lira maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1301.22,0) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghall-linja bin-numru 235825. Ghalhekk l-istess socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-imsemmi ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhux dovut minnu personalment izda hu kien qed jagixxi bhala manager tas-socjeta' estera SCI Palace International. Ghalhekk il-konvenut proprio ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk ukoll l-istess konvenut ma jista qatt jigi mizmum responsabbli personalment;

Dawn il-pretensjonijiet tal-konvenut ma jirrizultawx sufficjentement ippruvati. Difatti jidher li l-konvenut iffirma personalment il-ftehim relattiv (fol.6) u dana minghajr ma ghamel ebda kwalifika. Ghall-kuntrarju jidher li l-konvenut iffirma l-istess ftehim bhala sid tan-negozju li kien ser jghamel uzu mill-linja tat-telephone in kwestjoni. Inoltre meta l-konvenut xehed f'dawn il-proceduri huwa qal li kien informa lis-socjeta attrici li l-imsemmija ditta estera kienet ser tassumi r-responsabbilita ghal-hlassijiet kollha konnessi mal-linja tat-telephone in kwistjoni. F'dan ir-rigward huwa kellu jesibixxi xi korrispondenza pero huwa naqas li jghamel dan;

Mill-banda l-ohra t-talbiet kollha attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha tas-socjeta attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1301.22 ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------